MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 1234/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Yacouba Doumbia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Yacouba Doumbia ta’ 28 sena ta’ nazzjonalita’ Maliana, imwieled f’Nakali il-Mali, fl-20 ta’ Jannar 1983, iben Osmana u Asta u numru moghti mill-Pulizija 11F-287 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-24 ta’ Novembru 2012 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Dokument ta’ l-ivvjaggar ghal-istranjieri, u permess ta’ residenza Taljan,

mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe', mill-Awtoritajiet Taljani, mahruga f'isem Moussa Coulibali ta' nazzjonalita' Ivorjana, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dan id-dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta)

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru 2012 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu, tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------